# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Lulju 2018**

**Kawza Numru : 17**
**Rikors Guramentat Numru : 357/2018/LSO**

**Mark Cassar [KI: 0523261M]**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Mark Cassar (KI Nru. 0523261M) datat 17 ta' April 2018 fejn bil-gurament tieghu kkonferma: -

**DIKJARAZZJONI u RAGUNI TAT-TALBA**

1. Illi l-attur twieled fis-27 ta' Gunju 1961 u gie registrat bl-isem ta' "Guiseppe Cassar", u dana hekk kif jidher mill-att ta' twelid tieghu numru 5232 tas-sena 1961, li kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkata bhala "Dok: A".

2. Illi minn twelidu l-attur, ghalkemm registrat bl-isem ta' "Guiseppe", dejjem issejjah bl-isem ta' "Mark", u dan l-isem intuza fil-konfront tieghu mhux biss mill-familjari tieghu izda anki, fost ohrajn, minn konnoxxenti tieghu u sahanistra min-nies li jahdmu mieghu u professjonisti ohra li konsistentement sejhulu u rreferew ghalih bl-isem "Mark" u mhux bl-isem "Guiseppe " u dan kif attestat minn numru ta' affidavits ta' persuni li qed jigu annessi u mmarkati minn "Dok: B" sa "Dok: E.I".

3. Illi din id-diskrepanza bejn l-isem li huwa imnizzel fic-certifikat tat-twelid u l-isem li l-attur hu maghruf bih u li dejjem intuza fir-rigward tal-htigijiet kwotidjani tieghu qed tikkaguna inkonvenjent u pregudizzju kif ukoll diversi problemi u kumplikazzjonijiet fil-hajja privata ta' l-istess, u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh u trattazzjoni ta’ din il-kawza.

4. Illi kif se jirrizuita waqt is-smigh tal-kawza l-attur kien u ghadu konsistentement jissejjah bl-isem "Mark" u mhux bl-isem "Guiseppe", u ghaldaqstant qed jintavola dawn il-proceduri ai termini, *inter alia,* ta' l-Art. 253(2) u (3) tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta].

5. Illi l-Art. 253(2) tal-Kodici Civili jaghti d-dritt lill-attur li jaghmel talba lil din l-Onorabbli Qorti ghar-registrazzjoni ta' l-isem li jkun gie uzat minnu u minn min jafu minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv tieghu, fil-kolonna intestata "ismijiet mghotijin" kif ukoll dik intestata "isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", wara li din tkun iddikjarata li l-persuna li tkun qed taghmel it-talba kienet konsistentement imsejha b'tali isem.

6. Illi l-attur hu wkoll maghruf bl-isem ta' "Mark" ma' l-entitajiet u/jew l-awtoritajiet pubblici lokali u dan kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti u mehmuza ma' l-affidavit ta' l-attur, ukoll anness mal-prezenti att promotur bhala "Dok: F".

7. Illi l-attur jixtieq li mhux biss ikun maghruf bhala "Mark Cassar" min-nies li jafuh izda jkun ufficjalment maghruf bhala "Mark Cassar" anki fuq dokumenti ufficjali u pubblici.

**<u>TALBIET</u>**

**Ghaldaqstant** *in vista* tas-suespost l-attur jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha, prevja kull dikjarazzjoni ohra -

**I.** **Tiddikjara u tiddeciedi** illi l-isem "Mark" u mhux l-isem "Guiseppe" (kif jidher fl-att tat-twelid tieghu) huwa l-isem li l-attur minn dejjem uza ghalih innifsu u li kien minn dejjem u konsistentement gie hekk imsejjah u maghruf bih;

**II.** **Tordna** illi *ai termini* tal-Art. 252(2) tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta], isir tibdil fl-att tat-twelid ta'

l-attur fis-sens illi dan jigi registrat bl-isem "Mark" minflok "Guiseppe"; u tordna li jsir tibdil ukoll f'kull att iehor fejn hemm isem l-esponenti fis-sens illi dan jigi registrat bl-isem "Mark" minflok "Guiseppe".

**III.** **Tordna** illi *ai termini* tal-Art. 253(3) tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta], li l-isem "Guiseppe" kull fejn jidher fl-att tat-twelid tieghu bin-numru 5232 tas-sena 1961 ghandu jigi mibdul bl-isem "Mark" u li dan ghandu jigi rifless f'kull Att ta' l-Istat Civili relattiv;

**Bl-ispejjez** kontra l-konvenut, li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-31 ta' Mejju 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 28 ta' Mejju 2018 (fol 28) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kawza odjerna, l-esponenti tirrileva li mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat.

2. Illi *a tenur* tal-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), ir-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghti d-direzzjonijiet taghha biex b'hekk isem ir-rikorrent fl-Att tat-twelid tieghu jinbidel minn *'Giuseppe'* ghal *'Mark'*. Sabiex jissostanzja t-talba tieghu, ir-

rikorrent qieghed jannetti mar-rikors guramentat, numru ta' affidavits kif ukoll att ta' dokumenti u dan kif jitlob l-istess artikolu fuq imsemmi.

3. Illi l-esponenti tirrileva illi l-isem *'Mark'* huwa totalment differenti minn *'Giuseppe'* u li bejn iz-zewg ismijiet ma hemm l-ebda assocjazzjoni. Isegwi ghalhekk illi jkun fl-interess tar-rikorrent illi jipprezenta dawk il-provi ulterjuri, kemm dokumentarji kif ukoll bhala xhieda, li jsahhu t-talba kif dedotta mir-rikorrent, ossia li tul hajtu huwa kien konsistentament msejjah u maghruf bhala *'Mark'* u mhux *'Giuseppe*';

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrent *stante* li fil-kaz *de quo,* fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, kien proprju missier ir-rikorrent Carmelo Cassar li kien iddikjara l-informazzjoni kollha misjuba fi-Att tat-Twelid tar-rikorrent, inkluz l-isem tar-rikorrent, u ghal dawn il-fini huwa stess kien iffirma l-Att in kwistjoni. Ghaldaqstant, gialadarba s-Sur Carmelo Cassar, id-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid, accetta l-informazzjoni inserita minnu fl-Att u kkonferma illi tali informazzjoni kienet wahda korretta permezz tal-firma tieghu, dan kollu ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku. *Stante* dan, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

5. Illi minghajr preguddizzju, ir-rikorrenti qed jitlob ukoll *ai termini* tal-Artikolu 253(3) tal-Kodici Civili illi ghandha ssir

tali korrezzjoni f’ dawk l-Atti tal-iStat Civili relattivi kollha. Illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrent ghandu jispecifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv ta' kull Att relattiv.

6. Illi ghaldaqstant, ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni, l-esponenti tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f’ghajnejn il-ligi. Maghdud ma' dan, l-esponenti ukoll hija tal-umli fehma illi fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti l-esponenti u kwindi d-Direttur ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza odjerna.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 31 ta' Mejju 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Kevin Camilleri Xuereb ghall-attur u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Dr Camilleri Xuereb iddikjara li m'ghandux provi aktar. L-intimat irrimetta ruhu salv ghall-kap tal-ispejjez. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta’ Lulju 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253(2) tal-Kodici Civili** li jaghti dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni tal-isem fl-atti tal-hajja civili li konsistentement kienet maghrufa bih tul hajjitha.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fil-25 ta' April 2018 (fol 24).

Qabel xejn il-Qorti tordna *ai termini* tal-artikou 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li ssir korrezzjoni fit-tieni talba billi l-artikolu korrett ghandu jitnizzel bhala "253(2)" minnflok "252(2)" tal-Kodici Civili. Il-Qorti qed tordna din il-korrezzjoni *a motu proprio* billi huwa evidenti li dan hu *lapsus* u mhuwiex ser ibiddel is-sustanza tal-azzjoni. Anzi johrog mir-risposta tal-intimat li hemm qbil li l-kawza odjerna qed issir abbazi tal-artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrent qed jitlob li ismu fl-att tat-twelid tieghu jigi korrett billi l-isem "Giuseppe" jigi sostitwit bl-isem "Mark."

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi fil-mertu r-rikorrent ghandu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kien u huwa maghruf konsistentement bl-isem "Mark". Ghal dan il-ghan, esebixxa kopja tal-karta tal-

identita` tieghu fejn hu indikat bl-isem Joseph k/a Mark. Illi hu esebixxa wkoll dokumenti bankarji u dokumenti ohra minn fejn jirrizulta li dejjem hu indikat bhala Joseph k/a Mark. Gew esebiti wkoll diversi affidavits korroboranti.

Illi fid-dawl ta' dawn l-affidavits u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent irnexxielu jipprova li huwa konsistentement kien maghruf u msejjah bl-isem "Mark". Ghalhekk it-talba tieghu hija gustifikata kif trid il-Ligi.

Izda, taqbel ma' l-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid *stante* li huwa kkonfermat mill-istess rikorrent li kien tnizzel l-isem "Giuseppe" mill-familjari tieghu, mid-dikjarant Carmelo Cassar, fl-att tat-twelid. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza.

Referibbilment ghal dak mitlub fit-tieni u fit-tielet talba, rigward atti ohra tar-rikorrent, it-talbiet ma sarux fit-termini tal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom sabiex jigi riservat ghar-rikorrent il-possibilta` li jiddeduci talbiet ulterjuri in gudizzju jekk ikun il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent kien konsistentement maghruf bl-isem "Mark" u mhux "Giuseppe".

2. Tilqa' t-tieni talba limitatament ghall-att tat-twelid numru hamest elef, mitejn u tnejn tletin tas-sena elf, disa' mija u wiehed u sittin (5232/1961), u tordna li *ai termini* tal-artikolu 253(2) tal-Kodici Civili, l-att tat-twelid tar-rikorrent jigi korrett billi l-isem "Giuseppe" ghandu jigi sostitwit bl-isem "Mark."

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghar-raguni spjegata.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**12 ta' Lulju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Lulju 2018**